

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Hannover (il-Ġermanja) fit-12 ta' Diċembru 2013 — Wilhelm Spitzner, Maria-Luise Spitzner vs TUIfly GmbH**

(Kawża C-658/13)

(2014/C 85/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Qorti tar-rinvju

Landgericht Hannover

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Wilhelm Spitzner u Maria-Luise Spitzner

Konvenuta: TUIfly GmbH

#### Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 (¹) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li ċirkustanza straordinarja li tikkawża dewmien ta' titjira tikkostitwixxi wkoll ċirkustanza straordinarja fis-sens ta' din id-dispożizzjoni għal titjira segwenti fil-każ fejn il-konsegwenza ta' din iċ-ċirkustanza li tkun ikkawżat dewmien taffettwa t-titjira sussegamenti sempliċement minħabba l-organizzazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru?
- (2) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' natura evitabbli ma jikkonċernax iċ-ċirkustanzi straordinarji fihom infuħom, iżda d-dewmien jew l-annullament tat-titjira li jirriżultaw minn tali ċirkustanzi straordinarji?
- (3) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li t-trasportaturi tal-ajru li jwettqu ttitjiriet tagħħom fil-kuntest ta' sistema msejħha ta' rotazzjoni għandhom raġonevolment jipprevedu ħin ta' riżerva minimu bejn it-titjiriet, li t-tul tagħħom jikkorrispondi għal dak previst fl-Artikolu 6(1)(a) sa (c) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004?
- (4) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li t-trasportaturi tal-ajru li jwettqu ttitjiriet tagħħom fil-kuntest ta' sistema msejħha ta' rotazzjoni

għandhom raġonevolment jirrifjutaw jew jipposponu t-trasport ta' passiġġieri li t-titjira tagħhom ġarrbet dewmien sostanzjali minħabba ċirkustanza straordinarja, sabiex jiġi evitav dewmien tat-titjiriet sussegamenti?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal do Trabalho de Lisboa (il-Portugall) fis-16 ta' Diċembru 2013 — Sindicato Nacional dos Profissionais de Seguros e Afins vs Via Directa — Companhia de Seguros SA**

(Kawża C-665/13)

(2014/C 85/21)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

#### Qorti tar-rinvju

Tribunal do Trabalho de Lisboa

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Sindicato Nacional dos Profissionais de Seguros e Afins

Konvenuta: Via Directa — Companhia de Seguros SA

#### Domandi preliminari

- (1) Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li minnu tirriżulta l-projbjizzjoni tad-diskriminazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa applikabbli għall-ħaddiema tas-settur pubbliku?
- (2) L-impożizzjoni unilaterali, mill-Istat, tas-sospensjoni tal-ħlas tar-remunerazzjoni, meta tiġi applikata biss għal kategorija speċifika ta' ħaddiema, dawk tas-settur pubbliku, tikkostitwixxi diskriminazzjoni, fid-dawl tan-natura ġuridika tar-relazzjoni ta' xogħol?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fis-16 ta' Diċembru 2013 — Rohm Semiconductor GmbH vs Hauptzollamt Krefeld**

(Kawża C-666/13)

(2014/C 85/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Qorti tar-rinvju

Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja)